MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2013

Appell Civili Numru. 6/2008/1

**Dilek Sahan, Serif Ali Sahan, Serdar Sahan**

**v.**

**Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, l-Uffiċjal Għoli tal-Immigrazzjoni**

## Preliminari

**1.** Dan huwa appell tar-rikorrenti Serif Ali Sahan u Serdar Sahan minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-22 ta' Novembru 2011 li permezz tagħha filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tar-rikorrenti Dilek Sahan wara n-nota

tagħha tal-20 ta' Mejju 2010[1] u filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati, laqgħet l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-intimati u għalhekk caħdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti Serif Ali Sahan u Serdar Sahan, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

**Rikors promotorju tar-rikorrenti Serif Ali Sahan u Serdar Sahan**

**2.** Bir-rikors tagħhom tas-17 ta' Jannar 2008 ir-rikorrenti Serif Ali Sahan u Serdar Sahan talbu lill-ewwel Onorabbli Qorti:

"… … tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-istruzzjonijiet u tipprovdi għal dawk il-miżuri li jidhrilha xierqa sabiex jiġu protetti u enforzati d-drittijiet fundamentali tagħhom fuq riferiti inkluż is-segwenti –

"a. Dikjarazzjoni li, in kwantu jeżisti prospett raġjonevoli li l-ħajja tal-esponenti ser tkun f`perikolu manifest fl-eventwalita' li l-esponenti jirritornaw lura lejn it-Turkija, it-tneħħija forzata tagħhom minn Malta u r-ritorn forzat lejn it-Turkija jikkostitwixxi leżjoni tad-drittijiet tal-ħajja, tal-protezzjoni kontra trattament inuman u degradanti u tal-ħajja tal-familja tal-esponenti ;

"b. Dikjarazzjoni li d-dritt tal-esponenti għal smigħ xieraq gie leż mill-Bord tal-Appelli tar-Refuġjati, bl-ispejjeż kontra l-intimati."

**3.** Il-fatti miġjuba fir-rikors promotorju u li minnhom jilmentaw ir-rikorrenti huma kif ġej:

"(i) Illi l-esponenti li huma ahwa u ta` nazzjonalita` Turka, waslu Malta mit-Turkija, fl-2002 ;

"(ii) Illi l-esponenti kienu gew Malta peress li kienu persegwitati mill-awtoritajiet tal-pajjiz taghhom it-Turkija u dana minhabba l-origini Kurda taghhom kif ukoll minhabba l-fatt li l-familja taghhom hija maghrufa li hija Kurda, u

[1] Fol. 291 tal-procċess quddiem l-ewwel Qorti

sabiex jevitaw aktar repressjoni kontra taghhom millawtoritajiet fit-Turkija ;

“(iii) Illi l-esponenti jappartjenu ghallorganizzazjonijiet tal-Kurdi. Ir-rikorrent Dilek Sahan kien jahdem ma` organizazzjoni ghall-protezzjoni tad-drittijiet umani tal-Kurdi. L-ghanijiet fi hdan dawn lorganizazzjonijiet jinkludu ghajnuna lil familji li l-membri taghhom ikunu gew maqtula jew ghebu. Minhabba f`din lghajnuna li kienu joffru, l-awtoritajiet Torok kienu jsegwu lmovimenti taghhom ;

“(iv) Illi whud mill-membri tal-familja taghhom kienu gew soggettati ghal tortura, detenzjoni arbitrarja, u habs minhabba l-origini Kurda taghhom u kif ukoll minhabba lkonnessjonijiet taghhom mal-organizazzjonijiet imsemmija, liema organizazzjonijiet jipprovdu ghajnuna lill-familji li jkunu tilfu membru jew membri f`xi kunflitt bejn il-forzi tas-sigurta` Torok u l-poplu Kurd. Di fatti, il-familjari tal-esponenti kellhom diversi konnessjonijiet ma` organizzazzjoni politika tal-poplu Kurd, bl-isem ta` P.K.K.;

“(v) Illi l-esponent Serif Ali rrifjuta l-lieva fil-pajjiz tieghu peress li ma xtaqx illi jidhol fi gwerra kontra hutu l- Kurdi u peress ukoll li numru konsiderevoli ta` Kurdi li kienu gew imgieghla biex jinghaqdu mal-armata Torka sfaw maqtula f`taqtigha bl-armi ;

“(vi) Illi l-familjari tal-esponenti ghaddew minn incidenti koroh taht l-awtoritajiet Torok. Zit l-esponenti Zeynep Koper ghaddiet minn esperjenza qarsa meta f`Gunju 2000 suldati Torok kienu dahlu f`darha gewwa Sevdilli, fejn akkuzawha li kienet tat l-ghajnuna taghha lil P.K.K. Koper giet imsawta bl-ahrax u l-maggor parti tal-proprjeta` taghha giet distrutta. Peress li insistiet li ma tieqafx toffri s-support taghha lil P.K.K., sussegwentement giet arrestata diversi drabi u ghal habta ta` Settembru 2003 grupp ta` ufficjali tas-sigurta` Torok attakkawha gewwa darha, insulentawha, heddewha u spiccaw biex stuprawha. Wara dan l-incident, Koper giet kostretta li thalli l-pajjiz taghha. Bl-istess mod, oht l-esponenti Rukiye Sahan u zithom ohra Hanim Koper gew arrestati gewwa t-Turkija

minhabba t-twemmin politiku taghhom u jinstabu prezentement detentuti gewwa habs fit-Turkija ;

"(vii) Illi kemm-il darba l-esponenti jigu obbigati jirritornaw gewwa l-pajjiz taghhom, huma ser jigu soggetti ghal persekuzzjoni, u hemm prospett ragjonevoli li jigu arrestati u torturati in kwantu harbu mit-Turkija u taw ssupport taghhom lill-organizazzjoni politika bl-isem P.K.K. Infatti, l-awtoritajiet Torok huwa konsapevoli tal-fatt li l-esponenti jifformaw parti mill-poplu Kurd u jafu x`inhuwa t-twemmin politiku ta` l-esponenti ;

"(viii) Illi l-esponenti Dilek Sahan waslet Malta f`Awwissu 2002 pero` kellha tirritorna lura lejn it-Turkija peress li ommha kienet marida serjament. Wara li dahlet lura f`pajjizha, Sahan giet segwita mill-awtoritajiet u giet mhedda minhabba l-attivitajiet taghha konsistenti fil-promozzjoni tad-drittijiet umani tal-poplu Kurd gewwa t-Turkija u ghaldaqstant kellha terga` titlaq minn pajjizha u tissetilja gewwa Malta;"

**4.** Ir-raġunijiet miġjuba fir-rikors promotorju u li għalihom jilmentaw ir-rikorrenti huma li ġejjin:

"(ix) Illi Malta hija firmatarja tal-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Refugjati tal-1951, liema Konvenzjoni fl-artikoli 32 and 33 toffri protezzjoni lil persuni f`cirkostanzi simili ghal dawk li l-esponenti sabu ruhhom fihom liema protezzjoni pero` ma nghatawx gewwa Malta;"

"(x) Illi l-istat ta` Malta ma gie moghti ebda garanzija mill-awtoritajiet Torok li l-esponenti mhumiex ser jigi persegwitati jekk jithallew jirritornaw fit-Turkija, jew li ser jigu trattati b`mod xieraq u mhux degradanti ghaddinjita` taghhom bhala persuni, u li jithallew jghixu hajja normali fis-sigurta` tad-djar taghhom. Ma hemm ebda garanzija li l-esponenti mhumiex ser isofru pregudizzju serju gewwa t-Turkija;

"(xi) Illi ghaldaqstant l-esponent qed isofru minn ansjeta` serja u minn incertezza sal-grad tal-intollerabli rigwardanti s-sigurta` futura taghhom jekk kellhom jigu obbligati

jirritornaw lejn it-Turkija, fejn il-poplu Kurd jghix taht theddida serja ;

“(xii) Illi t-tnehhija tal-esponenti minn Malta u r-ritorn taghhom gewwa t-Turkija jista` jwassal ghal qtil jew lghibien ta` wiehed jew wahda minnhom jew ta` kollha. F`kaz li jirritornaw lura lejn pajjizhom, hajjet l-esponenti ser tkun f`perikolu manifest u jezisti prospett konkret ta` qtil jew theddida serja ghad-dritt taghhom ghal hajja bi vjolazzjoni tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta` Malta (“Il-Kostituzzjoni”) u tal-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem (“Il Konvenzjoni”) liema Konvenzjoni tifforma parti mil-ligi taghna permezz tal-Att IV tal-1987 (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta` Malta) ;

“(xiii) Illi t-tnehhija tal-esponenti minn Malta u r-ritorn forzat taghhom lejn it-Turkija jikkostitwixxi trattament inuman u degradanti fit-termini tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem ;

“(xiv) Illi peress ukoll li uhud mill-membri tal-familja taghha illum jghixu Malta fejn nghataw l-istatus ta` refugjati, l-esponent ser konsegwentement isofri vjolazzjoni taht l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem in kwantu ser jigu mifruda mill-bqija tal-familja u dana minhabba s-sitwazzjoni gravi li tesizti gewwa t-Turkija;

(xv) Illi barra minn hekk, id-dritt tal-esponenti ghal smigh xieraq kif stipulat fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem gie lez mill-Bord tal-Appell tar-Refugjati quddiem liema Bord l-esponenti ikkontestaw id-decizjoni ghad-deportazzjoni taghhom mittiehda mill-Kummissarju tar-Refugjati.”

**Ir-risposta tal-intimati Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern u l-Uffiċjal Għoli għall-Immigrazzjoni**

**5.** Fir-risposta tagħhom tal-1 ta' Frar 2008 l-intimati Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern u l-Uffiċjal Għoli għall-Immigrazzjoni wieġbu li għar-raġunijiet mogħtija fir-risposta tagħhom l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u wara li in linea preliminari talbu lill-ewwel Qorti tiddeklina milli teżerċita l-kompetenza kostituzzjonali tagħha a tenur tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u a tenur tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta sostnew li ma kien hemm ebda leżjoni tal-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ("il-Konvenzjoni") invokati mir-rikorrenti.

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

**6.** Wara li rriproduċiet ir-rikors promotorju tal-ġudizzju u r-risposti tal-intimati l-ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża kif fuq ingħad[2] wara li għamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin inkwantu rilevanti għall-appell odjern:

**"IV. <u>Il-lanjanzi tar-rikorrenti</u>**

"Erbgha kienu l-lanjanzi kostituzzjonali li ressqu r-rikorrenti. Din il-Qorti sejra tqis u tiddeciedi kull wahda.

**"A. <u>Ksur allegat ta` l-Art.33 tal-Kostituzzjoni u ta` l-Art.2 tal-Konvenzjoni</u>**

"Ir-rikorrenti qeghdin ighidu li d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli li jigi rifjutat lilhom l-istatus ta` refugjat se twassal ghat-tnehhija taghhom minn Malta u bir-ritorn taghhom lejn it-Turkija *jista`* jwassal ghal qtil jew l-ghibien ta` wiehed jew wahda minnhom jew ta` kollha. Isostnu li jekk jintbaghtu lura lejn pajjizhom, hajjithom sejra tkun f`perikolu manifest. Ghalhekk jikkontendu li dik id-decizjoni tikser id-dritt taghhom ghall-hajja kif tutelat bl-Art.33 tal-Kostituzzjoni u bl-Art.2 tal-Konvenzjoni.

---

[2] Ara par. 1 *supra*

"Mill-**<u>Art.33 tal-Kostituzzjoni</u>** dik il-parti li *tista*` tkun rilevanti fil-kwadru tal-lanjanza tar-rikorrenti hija **<u>l-ewwel subinciz</u>** li jaqra hekk –

*""Hadd ma jista` jigi pprivat mill-hajja tieghu intenzjonalment hlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza ta` qorti dwar reat kriminali skond il-ligi ta` Malta li tieghu jkun gie misjub hati."*

"Mill-**<u>Art.2 tal-Konvenzjoni</u>** dik il-parti li *tista*` tkun rilevanti fil-kwadru tal-lanjanza tar-rikorrenti hija **<u>l-ewwel subinciz</u>** li jaqra hekk –

*""Id-dritt ghall-hajja ta` kulhadd ghandu jigi protett b`ligi. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-hajja tieghu intenzjonalment hlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza ta` qorti wara li jigi misjub hati ta` delitt li dwaru tkun provduta mil-ligi din il-piena."*

"Minn qari meqjus u attent taz-zewg subincizi, wiehed jintebah mill-ewwel li l-emfazi qeghda ssir fuq it-tnehhija **<u>intenzjonali</u>** tal-hajja u senjatament illi wiehed deliberatament inehhi jew jipprova jnehhi l-hajja ta` dak li jkun.

"Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti tghid **<u>minghajr l-icken esitazzjoni</u>** illi kienu x`kienu l-fatti jew l-allegazzjonijiet li gabu r-rikorrenti a konjizzjoni tal-Kummissarju jew tal-Bord tal-Appelli in sostenn tal-istanza taghhom ghall-ghoti ta` status ta` refugjat, bl-ebda sforz ta` l-immaginazzjoni u bl-ebda tigbid ta` l-interpretazzjoni tal-ligi ma jista` jinghad illi fid-decizjoni taghhom il-Kummissarju jew il-Bord tal-Appelli wettqu xi att jew omissjoni intenzjonalment u allura deliberatament bil-hsieb li li jpoggu l-hajja tar-rikorrenti f`perikolu – potenzjali, manifest jew xort`ohra. Ghall-fini ta` kjarezza u ta` bwon sens, din il-Qorti tghid li r-rikorrenti ma ghamlu l-ebda allegazzjoni specifika f`dan is-sens fil-konfront tal-awtoritajiet kompetenti. Fl-istess waqt, bl-allegazzjoni tar-rikorrenti li d-decizjoni tar-rifjut tal-istatus ta` refugjat *tista*` tesponi l-hajja taghhom ghal riskju jew periklu bla bzonn, din il-Qorti tghid li thassib bhal dak tar-

rikorrenti ma jsibx il-konfort desiderat la fil-Kostituzzjoni u lanqas fil-Konvenzjoni.

***"Anke* ghalhekk il-lanjanza tar-rikorrenti ghal allegat ksur ta` l-Art.33 tal-Kostituzzjoni u ta` l-Art.2 tal-Konvenzjoni qeghda tkun michuda.**

**"B. Ksur allegat tal-Art.36 tal-Kostituzzjoni u tal-Art.3 tal-Konvenzjoni**

"Ir-rikorrenti qeghdin ighidu li t-tnehhija taghhom minn Malta u allura r-ritorn forzat taghhom lejn it-Turkija jikkostitwixxi trattament inuman u degradanti.

"Mill-**Art.36 tal-Kostituzzjoni** dik il-parti li *tista`* tkun rilevanti fil-kwadru tal-lanjanza tar-rikorrenti hija **l-ewwel subinciz** li jaqra hekk –

*""Hadd ma ghandu jkun assoggettat ghal piena jew trattament inuman jew degradanti."*

***"Kwazi*** ghal kollox bhall-Art.36 tal-Kostituzzjoni, **l-Art.3 tal-Konvenzjoni** jaqra hekk –

*""Hadd ma ghandu jkun assoggettat ghal tortura jew ghal trattament jew piena inumana jew degradanti."*

"Din il-Qorti tghid li abbazi tal-provi (mhux ta` l-allegazzjonijiet) li ressqu r-rikorrenti fil-procedura tal-lum, ma jirrizultax sal-grad rikjest mil-ligi li t-tnehhija taghhom minn Malta u r-ritorn forzat taghhom lejn it-Turkija *ut sic* jikkostitwixxi trattament inuman u degradanti.

"Kif josserva **Facett** f`pagna 42 tal-ktieb tieghu *The Application of the European Convention on Human Rights* - Edizzjoni 1987 –

*""Inhuman treatment would then be the deliberate infliction of physical or mental pain or suffering against the will of the victim and, when forming part of criminal punishment, out of proportion to the offence."*

"Kif josserva **<u>Sieghart</u>** f`pagna 167 tal-ktieb tieghu *The International Law of Human Rights* – Edizzjoni 1983 –

*""In Denmark et al v. Greece E.U.C.M (European Commission of Human Rights) stated that the notion of inhuman treatment covers at least such treatments as deliberately causes severe suffering, mental or physical, which in the particular situation is unjustifiable ….*

*"Treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of the term 'inhuman'. The assessment of the minimum is, in the nature of things, relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical or mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (**Ireland v. United Kingdom** (53-10-71) judgment, 2EHRR 25'. 5.10."*

"Dwar x`tifsira ghandha l-espressjoni *trattament inuman u degradanti* hemm l-insenjament tas-sentenza tal-Qorti ta` Strasbourg fil-kawza ***Ireland v. United Kingdom*** tat-18 ta` Jannar 1978 fejn inghad li jkun hemm *trattament inuman* meta jkun hemm "*the infliction of intense physical or mental suffering*" filwaqt li *trattament degradanti* jinkludi "*treatment designed to arouse in victims feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them and possibly breaking their physical or moral resistance*".

"Fl-hekk maghruf bhala ***The Greek Case*** il-Kummissjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem kienet irrilevat li –

*""The notion of inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe suffering, mental or physical, which, in the particular situation, is unjustifiable ... Treatment or punishment of an individual may be said to be degrading if it grossly humiliated him before others of derives him to act against his will or conscience*."

"It-trattament jitqies inuman meta jkun mahsub <u>minn qabel u jkun</u> <u>premeditat</u> sabiex jikkaguna "intense physical and

mental suffering" – (ara s-sentenza tad-9 ta` Gunju 1998 fil-kawza "**Tekin v. Turkey**").

"Ghar-rigward ta` trattament degredanti, generalment, dan jitqies li jirreferi ghal dak it-trattament li jgieghel lil dak li jkun ikisser ir-resistenza kemm fizika u morali tal-vittma jew li jgieghel lill-vittma li tagixxi kontra l-volonta` taghha. In linea generali, ma hemm propju xejn kontra l-ligi li ghal ragunijiet ta` sigurta` jew ta` prevenzjoni ta` reati, l-awtoritajiet kompetenti jgibu fis-sehh mizuri li permezz taghhom persuna tkun sorveljata. Jekk isir hekk, bl-ebda mod dak ma jfisser li l-persuna tkun qeghda tigi assoggettata ghal tortura jew ghal trattament inuman jew degradanti.

"Fil-kawza "**Peers vs Greece**", deciza fid-19 ta` April 2001, il-Qorti ta` Strasbourg qalet hekk –

*""The Court recalls that, according to its case-law, ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum level of severity is relative ; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental affects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see, among other authorities, Ireland v. the United Kingdom, judgement of 18 January 1978, Series A no. 25, p. 65, 162). Furthermore, in considering whether a treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3 (see Ranninen v. Finland, judgement of 16 December 1997, Reports of Judgements and Decisions, 1997-VIII, pp. 2821-22, 55).*

*...*

*"In the light of the foregoing, the Court considers that in the present case there is no evidence that there was a positive intention of humiliating or debasing the applicant. However, the Court notes that, although the question whether the purpose of the treatment was to humiliate or*

*debase the victim is a factor to be taken into account, the absence of any such purpose cannot conclusively rule out a finding of violation of Article 3 (see V. v. The United Kingdom [GC], no. 24888/94, 71, ECHR 1999-IX)".*

"Fid-decizjoni tal-11 ta` Dicembru 2003 fil-kawza "**Yancov v. Bulgaria**" il-Qorti ta` Strasbourg qalet hekk –
*"In considering whether treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3. Even the absence of such a purpose cannot conclusively rule out a finding of a violation of Article 3 (see, for example, Peers v. Greece, no. 28524/95, 74, ECHR 2001-III; and Kalashnikov v. Russia, no. 47095/99, 101, ECHR 2002-VI).*

*"Ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3 of the Convention. The assessment of this minimum level of severity is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see, Ireland v. The United Kingdom, judgement of 18 January 1978, Series A no. 25, p. 65, 162). The Court has consistently stressed that the suffering and humiliation involved must go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment. Measures depriving a person of his liberty may often involve such an element. The State must ensure that a person is detained in conditions which are compatible with respect for his human dignity, that the manner and method of the execution of the measure do not subject him to distress or hardship of an intensity exceeding the unvoidable level of suffering inherent in detention and that, given the practical demands of imprisonment, his health and well-being are adequately secured (Kudla v. Poland [GC], no. 30210/96, 93-94, ECHR 2000-XI)".*

"Fil-kaz tal-lum, u fl-isfond tal-premess, din il-Qorti ma tistax issib prova li fil-konfront tar-rikorrenti (mhux ta` haddiehor) qatt irrizulta li kien hemm xi ghamla ta` s*evere suffering* jew agir umiljanti da parti tal-awtoritajiet governattivi Torok jew agir umiljanti fil-konfront taghhom. Lanqas ma rrizulta li d-dinjita` tar-rikorrenti bhala bnedmin kienet menomata. Kif lanqas ma rrizultat il-prova ta` xi biza` fondat ta` umiljazzjoni diretta lejhom.

"Din il-Qorti gharblet il-process u ma sabet l-ebda prova (ghad-differenza ta` meri allegazzjonijiet) li fuq ir-rikorrenti kien impost trattament kemm gewwa Malta kif ukoll fit-Turkija li seta` b`xi mod imbarazzahom, jew umiljahom, jew gab fix-xejn id-dinjita` taghhom bhala persuni. Lanqas ma rrizulta pruvat fl-agir tal-awtoritajiet xi element ta` premeditazzjoni. Inkella l-prova li r-rikorrenti garrbu sofferenza fisika jew mentali.

**"Ghalhekk il-lanjanza tar-rikorrenti ghal allegat ksur tal-Art.36 tal-Kostituzzjoni u tal-Art.3 tal-Konvenzjoni ma tistax tkun akkolta.**

- - Omissis - -

**"D. Ksur allegat tal-Art.39 tal-Kostituzzjoni u tal-Art.6 tal-Konvenzjoni**

"Ir-rikorrenti qeghdin ighidu li l-Bord tal-Appelli kiser id-dritt taghhom ghal smigh xieraq.

"Ghall-fini tal-kawza tal-lum, il-parti **rilevanti** ta` l-Art.39 tal-Kostituzzjoni huwa **it-tieni subinciz (2)** li jaqra hekk –

*""(2) Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b`ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta` drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali ; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smighxieraq gheluq zmien ragonevoli."*

"Filwaqt li l-parti **rilevanti** ta` l-Art.6 tal-Konvenzjoni ghall-kaz tal-lum huwa **l-ewwel subinciz (1)** li jaqra hekk -

*""Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta` l-obbligi tieghu jew ta` xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista` jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta` l-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f`socjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew safejn ikun rigororament mehtieg fil-fehma tal-qorti f`cirkostanzi specjali meta l-pubblicità tista` tippregudika l-interessi tal-gustizzja."*

"L-awturi Harris, O`Boyle & Warbrick tal-ktieb **"Law of the European Convention on Human Rights**" - Second Edition – 2009 – Oxford - ighidu hekk - fil-pagna 201 :

*""The Court* (b`riferenza ghall-Qorti ta` Strasbourg) *has stressed that "the right to a fair trial holds so prominent a place in a democratic society that there can be no justification for interpreting Article 6(1) of the Convention restrictively*" (*Perez v France – 2004-I ; 40 EHRR 909 para 64 GC*).

"Ikomplu hekk fil-pagna 202 –

*""The Court also allows States a wide margin of appreciation as to the manner in which national courts operate … A consequence of this is that in certain contexts the provisions of Article 6 are as much obligations of results as of conduct, **with national courts being allowed to follow whatever particular rules they choose so long as the end result can be seen to be a fair trial**."* (enfasi ta` din il-Qorti)

"Izjed fil-pagna 204 –

***““In some contexts a breach of Article 6 will only be found to have occurred upon proof of <u>“actual prejudice”</u> to the applicant.***”
(enfasi ta` din il-Qorti)

“Fil-pagna 224 jinghad –

*““Article 6 does not control the content of a state`s national law ; it is only a procedural guarantee of a right to a fair hearing in the determination of whatever legal rights and obligations a state chooses to provide in its law.”*

“Imbaghad aktar lura fil-pagna 251 –

*““The right to a fair hearing supposes compliance with the principle of equality of arms. This principle, which applies to civil as well as criminal proceedings, requires each party to be given a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent. In general terms, the principle incorporates the idea of a fair balance between the parties*.”

“L-awturi Van Dijk, Van Hoof, Van Rijn, Leo Zwaak fil-ktieb **<u>“Theory and Practice of the European Convention on Human Rights”</u>** - Fourth Edition – Intersentia – 2006 jaghmlu din l-analizi :

“Fil-pagna 578 –

*““When is a hearing fair ? In the Kraska case* (sentenza tad-19 ta` April 1993) *the Court took as a starting-point that the purpose of Article 6 is inter alia “to place the tribunal under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessments of whether they are relevant to its decision.”*

“Fis-sentenza tal-Qorti ta` Strasbourg fil-kawza **“<u>Findlay v. United Kingdom</u>”** tal-25 ta` Frar 1997 inghad hekk dwar l-indipendenza u l-imparzjalita` ta` tribunal –

*"“(a) The Court recalls that in order to establish whether a tribunal can be considered as “independent”, regard must be had ‘inter alia’ to the manner of appointment of its members and their term of office, the existence of guarantees against outside pressures and the question whether the body presents an appearance of independence.*

*“(b) As to the question of “impartiality”, there are two aspects to this requirement. First, the tribunal must be subjectively free of personal prejudice or bias. Secondly, it must also be impartial from an objective viewpoint, that is, it must offer sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in this respect.”*

“Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti tghid li l-fatt illi l-ezitu tal-proceduri quddiem il-Bord tal-Appelli kien sfavorevoli ghar-rikorrenti jew ma ssoddisfax l-aspettattivi taghhom ma jfissirx illi dak l-esitu kien hekk kuntrarju ghalihomi ghaliex ir-rikorrenti kienu b`xi mod privati milli jressqu l-kaz taghhom adegwatament quddiem l-Bord.

“Jirrizulta li quddiem il-Bord ir-rikorrenti nghataw kull opportunita` li permezz tal-avukat ta` fiducja taghhom igibu ghall-konjizzjoni tal-istess Bord kull kwistjoni jew sottomissjoni li dehrilhom rilevanti ghall-accertament tal-istanza taghhom.
“Din il-Qorti tirrileva li d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli fit-tliet kazi separati tar-rikorrenti kienet preceduta minn proceduri ta` accertament u ta` gharbiel ta` fatti u cirkostanzi.

“Fl-atti tal-kawza, apparti d-decizjonijiet tal-Kummissarju u tal-Bord tal-Appelli, wiehed isib *case-summary* relattiva ghal kull rikorrent fejn dawn wasslu ghall-attenzjoni tal-Kummissarju dak kollu li huma dehrilhom li kien rilevanti sabiex iwassal sabiex tintlaqa` t-talba ghall-ghoti ta` status ta` refugjat. Ma jirrizultax li r-rikorrenti kellhom xi ilment fondat dwar l-istesura tal-*case-summary* ta` kull wiehed minnhom. Ghalkemm mhux parti mit-test tad-decizjoni tal-Kummissarju, il-*confidential memo* tal-istess

Kummissarju jfisser fid-dettall ghala kienet rifjutata t-talba ghall-istatus ta` refugjat fil-kaz ta` kull wiehed minnhom.

“Ir-rikorrenti jilmentaw li meta tressaq il-kaz taghhom quddiem il-Kummissarju huma kienu assistiti minn interpretu Tork li pero`, jallegaw ir-rikorrenti, ma hassewhomx komdi jfissir l-kaz taghhom fil-presenza tieghu ghaliex kienu qeghdin jibzghu li seta` jirrappurtahom lill-awtoritajiet Torok.

“Din il-Qorti pero` ma tistax toqghod fuq allegazzjoni hekk gratuwita`, u fondata fuq semplici suspett mhux pruvat.

“Ma jirrizultax li din ic-cirkostanza kienet senjalata lill-awtoritajiet Maltin u lanqas ma tressqet xi prova li ssostni s-suspett li r-rikorrenti kellhom dwar l-interpretu.

“Ir-rikorrenti jilmentawli l-Bord ma semghahhomx. Fl-istess waqt jirrizulta li kienu assititi minn avukat ta` fiducja taghhom li ressqet minghajr xkiel s-sottomissjonijiet taghha ghan-nom taghhom.

“Din il-Qorti qieset b`reqqa r-ragunijiet li gabu r-rikorrenti sabiex bl-istanza taghhom tal-lum jimpunjaw id-decizjoni tal-Bord tal-Appelli fil-konfront taghhom. U, minghajr l-icken esitazzjoni, tghid li d-decizjoni tal-Bord mhijiex lesiva ghad-drittijiet tar-rikorrenti kif jinsabu tutelati mid-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni.

“Waqt il-proceduri quddiem il-Bord, baqghu mharsa d-drittijiet u l-garanziji kollha tar-rikorrenti ghal smigh xieraq. Ir-rikorrenti ma gabux provi cari u inekwivoci li bil-proceduri quddiem il-Bord ma kienux garantiti l-i*standards* ta` gustizzja li huma vitali ghall-esistenza ta` *the rule of law.* Ma jirrizultax li kienu trattati hazin jew bi svantagg. Din il-Qorti tghid li fil-kaz tar-rikorrenti, il-principji tal-gustizzja naturali kienu tutelati. Per konsegwenza, **din il-Qorti ma ssib l-ebda ksur tal-Art.39 tal-Kostituzzjoni u tal-Art.6 tal-Konvenzjoni.**

**“Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt illi tastjeni**

**milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tar-rikorrenti Dilek Sahan wara n-nota taghha tal-20 ta` Mejju 2010 (fol 291), u filwaqt li tichad l-eccezzjoni preliminari tal-intimati, qieghda tilqa` l-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimati, u ghalhekk qeghda tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti Serif Ali Sahan u Serdar Sahan, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.”**

**<u>L-appell ta’ Serif Ali Sahan u Serdar Sahan</u>**

**7.** Ir-rikorrenti Serif Ali Sahan u Serdar Sahan ħassewhom aggravati bis-sentenza fuq imsemmija tal-ewwel Qorti tat-22 ta’ Novembru 2011 u b’rikors tas-7 ta’ Diċembru 2011 appellaw minnha quddiem din il-Qorti u talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati appellati tirrevokaha fil-bqija u minflok tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti appellanti u tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati appellati, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess intimati appellati.

**8.** L-aggravji tal-appellant jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

1. Huma ma jsostnux li l-Bord innifsu poġġa l-ħajja tagħhom f’perikolu ċar iżda jsostnu li bid-deċiżjoni tal-Bord huma ser jiġu esposti għal perikolu tal-ħajja u d-dinjita` tagħhom mill-awtoritajiet tat-Turkija.

2. Jekk huma jintbagħtu lura lejn pajjiżhom se jiġi lez id-dritt fundamentali tagħhom kif sanċit fl-Artikolu 33 u 36 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta (il-Kostituzzjoni) u l-artikoli rispettivi tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali (il-Konvenzjoni), stante li jistgħu jiġu persegwitati, ittorturati u saħansitra maqtula. Huma jsostnu li l-ewwel Qorti ma interpretatx il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni konformement mal-ġurisprudenza li rriteniet illi l-istess drittijiet jistgħu jiġu invokati anke fejn ikun hemm theddida għall-istess.

3. Ma jaqblux mad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti illi huma kellhom kull opportunita` li permezz tal-avukat ta’ fiduċja tagħhom iġibu għall-konjizzjoni tal-Bord tal-Appelli

tar-Refuġjati kull kwistjoni jew sottomissjoni li deherilhom rilevanti għall-aċċertament tal-istanza tagħhom.

**Ir-risposta tal-intimati Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern u tal-Uffiċjal għoli tal-Immigrazzjoni għall-appell**

**9.** Fir-risposta tagħhom tat-13 ta' Jannar 2012 l-intimati Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern u l-Uffiċjal għoli tal-Immigrazzjoni wieġbu għar-rikors tal-appell billi ssottomettew li l-appell tal-appellanti kellu jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom u dan għar-raġunijiet mogħtija fl-istess risposta.

1) Għar-rigward tal-ewwel aggravju jsostnu li dan huwa mibni fuq estratt mis-sentenza meħud barra mill-kuntest tiegħu għaliex dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti huwa illi mill-provi prodotti ma jirriżultax illi l-allegazzjonijiet tal-appellanti kienu jinkwadraw ruħhom fl-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni invokati minnhom.

2) In konnessjoni mat-tieni aggravju l-appellanti ma ġabux provi suffiċjenti li l-appellanti jekk ritornati lejn it-Turkija sejrin jirrinfaċċjaw riskju serju li f'dak il-pajjiż ikun ser jiġi vjolat fil-konfront tagħhom l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

3) Dwar it-tielet aggravju l-intimati appellati jsostnu li dan hu għal kollox ibbażat fuq allegazzjonijiet għal kollox gratuwiti b'ebda mod sostnuti peress li rriżulta li l-appellanti ngħataw kull opportunita` jressqu provi u jagħmlu s-sottomissjonijiet li dehrilhom xierqa.

**Fatti tal-kawza**

**10.** Serif Ali Sahan twieled it-Turkija fl-1983. Huwa ta' nazzjonalita` Torka u ta' oriġini Kurda. Wasal Malta fit-18 ta' Awwissu 2003 b'passaport falz f'isem ħuh iżda b'ritratt tiegħu. Huwa applika għal *status* ta' refuġjat tmien xhur wara u cioe` f'April 2004. It-talba tiegħu ġiet respinta fit-13 ta' Lulju 2004. Huwa jgħid li applika Malta għall-i*status* ta' refuġjat minħabba l-oriġini Kurda tiegħu għaliex il-familja

tiegħu kienet ġiet trattata ħazin mill-awtoritajiet Torki peress li huwa kien jiġi minn familja politika li kienet tappoġġja lill-partiti Kurdi.

**11.** L-appellant Serdar Sahan twieled ukoll it-Turkija fl-1985 u huwa wkoll ta' nazzjonalita` Torka u ta' oriġini Kurda. Huwa wasal Malta fil-15 ta' Diċembru 2003 permezz ta' passaport tiegħu stess u applika għal *status* ta' refuġjat f'April 2004 iżda l-applikazzjoni tiegħu ġiet miċħuda fit-13 ta' Lulju 2004. Isostni li f'April 2004 ma kellux id-dokumenti meħtieġa sabiex biex jipprova li kien jistħoqqlu l-i*status* ta' refuġjat iżda għalkemm talab żmien sabiex iġib id-dokumentazzjoni neċessarja il-Kummissjoni tar-Refuġjati ċaħdet it-talba tiegħu għal *status* ta' refuġjat mingħajr ma għamlet ebda indaġini ta' xejn. Jgħid li applika għall-i*status* ta' refuġjat minħabba l-oriġini etnika Kurda tiegħu u dan għaliex membri tal-familja tiegħu attivi fil-politika ġew trattati ħażin mill-awtoritajiet tat-Turkija peress li kienu jappoġġjaw partiti Kurdi.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

### *Allegati vjolazzjonijiet tal-Artikoli 2 u 3 tal-Konvenzjoni u tal-Artikoli 33 u 36 tal-Kostituzzjoni*

*Prinċipji*

**12.** Il-prinċipji applikabbli f'każijiet ta' din ix-xorta ġia` ġew identifikati fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Luiza Merujian Zakarian and Simony Merujian Zakarian v. The Minister of Home Affairs and the Principal Immigration Officer**[3] u riċentement ġew riaffermati fis-sentenza tal-Qorti Ewropeja fil-Każ **S.H.H. v. Renju Unit**[4]. Dawn jistgħu jiġu riassunti kif ġej.

**13.** Taħt il-Konvenzjoni u l-Protokolli tagħha ma jeżisti ebda dritt għal ażil politiku. B'danakollu t-tneħħija ta' persuna tagħti lok għal kwistjoni taħt l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni meta jintwerew raġunijiet sostanzjali sabiex

---

[3] Q. Kost. 19 ta' Frar 2007

[4] ECHR 29 ta' Jannar 2013

wieħed jemmen li dik il-persuna jekk tiġi espulsa tirrinfaċċja riskju reali li tiġi assoġġettata għal trattament kontra l-Artikolu 3. F'każ bħal dan ikun l-obbligu li dik il-persuna ma tiġix espulsa. L-Artikolu 3 huwa assolut u ma hux possibbli li r-riskju ta' trattament ħażin jiġi bilanċjat mar-raġunijiet miġjuba 'l quddiem għall-espulsjoni. L-apprezzament ta' hemmx raġunijiet sostanzjali biex wieħed jemmen li persuna tirrinfaċċja r-riskju reali msemmi jirrikjedi li l-Qorti tevalwa l-kundizzjonijiet fil-pajjiż fejn ser jintbaghat skont il-kejl tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Dak il-kejl jirrikjedi li t-trattament ħażin li tirrinfaċċja l-persuna jrid jilħaq grad minimu ta' severita` sabiex jidħol fil-parametri tal-Artikolu 3 imsemmi. Għall-għan ta' dan l-apprezzament irid jittieħed qis taċ-ċirkostanzi kollha. Minħabba n-natura assoluta tad-dritt imħares, l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jista' japplika wkoll fejn il-perikolu jkun ġej minn persuni jew gruppi ta' persuni li ma jkunux uffiċjali pubbliċi. B'danakollu jrid jintwera li r-riskju hu wieħed reali u li l-awtoritajiet tal-iStat li ser jirċievi l-persuna relevanti ma humiex kapaċi jinnewtralizzaw ir-riskju billi jipprovdu protezzjoni xierqa. L-eżami li teħtieġ tagħmel il-Qorti sabiex tikkonstata jkunx hemm ir-riskju msemmi jrid ikun wieħed rigoruż iżda fil-prinċipju spetta lill-persuna konċernata li tipprova li tkun ser tirrinfaċċja dak ir-riskju fil-pajjiż fejn tkun ser tintbagħat. Il-possibilita` ta' trattament ħażin minħabba s-sitwazzjoni nstabbli fil-pajjiż riċevent ma twassalx fiha nfisha għal vjolazzjoni tal-Artikolu 3.

**14.** Inoltre, il-mument relevanti għall-finijiet tad-deċiżjoni tagħha tal-lum huwa ż-żmien tal-proċeduri quddiem il-Qorti[5] u sabiex tiddeċiedi jekk hemmx riskju ta' trattament bi vjolazzjoni tal-Artikolu 3 il-Qorti trid teżamina l-konsegwenzi prevedibbli tal-fatt li r-rikorrent jintbagħat lura f'pajjiżu meħud kont tas-sitwazzjoni ġenerali f'dak il-pajjiż u ċ-ċirkostanzi personali tiegħu. Fil-prinċipju spetta lir-rikorrent li jipproduċi provi tar-riskju ta' maltrattament jekk jiġi ritornat iżda meta jiġu prodotti tali provi l-piż li jiġi eliminat kull dubbju dwarhom jaqa' fuq l-iStat[6]. F'każijiet

[5] ECHR **S.H.H. v. the United Kingdom**, 29 ta' Jannar 2013 #72; ECHR **Saadi v. Italy**, GC, 28 ta' Frar, 2008 #133; ECHR **Makhmudzhan Ergashev v. Russia**, 16 Ottubru 2912 #65;
[6] ECHR **Makhmudzhan Ergashev v. Russia**, 16 Ottubru 2912 #66;

fejn jiġi allegat li l-persuna tappartjeni għal xi grupp li sistematikament jiġi espost għal maltrattament tiskatta l-protezzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni meta r-rikorrent jirnexxilu juri li hemm raġunijiet serji biex wieħed jemmen fil-prattika inkwistjoni u li hu jappartjeni għall-grupp konċernat[7].

*Applikazzjoni tal-prinċipji msemmija għall-każijiet tal-appellant*

**15.** Din il-Qorti sejra issa titratta l-aggravji tal-appellanti *seriatim*.

***Allegati vjolazzjonijiet tal-Artikoli 2 u 3 tal-Konvenzjoni u tal-Artikoli 33 u 36 tal-Kostituzzjoni***

**16.** **Bl-ewwel aggravju** tagħhom, l-appellanti jilmentaw mill-mod kif l-ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni tagħha illi ma ġiex leż id-dritt fundamentali tagħhom kif sanċiti f'Artikoli 33 u 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli rispettivi tal-Konvenzjoni. Huma jsostnu li l-ewwel Qorti ma fehmitx in-natura tal-ilment tagħhom għaliex huma qatt ma sostnew li l-Bord innifsu direttament poġġa l-ħajja tagħhom f'perikolu ċar iżda sostnew li bid-deċiżjoni tal-Bord huma kienu ser jiġu esposti għal perikolu tal-ħajja u d-dinjita` tagħhom mill-awtoritajiet tat-Turkija, u cioe` l-ewwel Qorti kellha teżamina mhux biss kienx hemm ksur effettiv iżda wkoll kienx hemm it-theddida ta' tali ksur effettiv.

**17.** Huwa minnu li l-ewwel Qorti rriteniet li bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni u interpretazzjoni ma jista' jingħad illi bid-deċiżjoni taghhom il-Kummissarju għar-Refuġjati jew il-Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati (Bord tal-Appelli) wettqu xi att jew ommissjoni intenzjonalment li se twassal biex titpoġġa l-ħajja tal-appellanti f'perikolu. Iżda huwa minnu wkoll li l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha ssoktat tgħid li:

"Fl-istess waqt, bl-allegazzjoni tar-rikorrent li d-deċiżjoni tar-rifjut tal-istatus ta' rifuġjat tista' tesponi l-hajja tagħhom

[7] *Ibid* #68

għal riskju jew periklu bla bżonn, din il-Qorti tgħid li tħassib bħal dak tar-rikorrenti ma jsibx il-konfort desiderat la fil-Kostituzzjoni u lanqas fil-Konvenzjoni."

**18.** Għalhekk l-ewwel Qorti indirizzat iż-żewġ aspetti tal-ilment tar-rikorrenti fir-rigward tal-Artikoli 33 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni, kemm id-deċiżjoni fiha nfisha tal-Kummissarju jew tal-Bord tal-Appelli kif ukoll l-effett tal-istess deċiżjoni u cioe t-tneħħija minn Malta u l-fatt li din tista' tesponi l-ħajja tar-rikorrenti għal riskju jew perikolu iżda rriġettat l-allegati vjolazzjonijiet fiż-żewġ aspetti tagħhom.

**19.** L-istess huwa l-każ fejn jirrigwarda l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni li dwarhom l-ewwel Qorti kkonkludiet li:

"… … din il-Qorti ma tistax issib prova li fil-konfront tar-rikorrent (mhux ta' ħaddieħor) qatt irriżulta li kien hemm xi għamla ta' severe suffering jew aġir umiljanti da parti tal-awtoritajiet governattivi Torok jew aġir umiljanti fil-konfront tagħhom. Lanqas ma rriżulta li d-dinjita' tar-rikorrenti bħala bnedmin kienet menopmata. Kif lanqas <u>ma rriżultat il-prova ta' xi biża' fondat ta' umiljazzjoni diretta lejhom</u>." (sottolinear ta' din il-Qorti)

**20.** Dan l-aggravju kif impostat mill-appellant, għalhekk, ma jirriżultax.

**21.** Fit-<u>**tieni aggravju**</u> tagħhom l-appellanti jsostnu wkoll li fi kwalunkwe każ huma ressqu provi biżżejjed sabiex fuq bażi ta' probabbilita` juru li jeżisti prospett raġjonevoli li l-ħajja u d-dinjita` tagħhom ser tkun f'perikolu manifest jekk jiġu ritornati lejn it-Turkija u li għalhekk l-ewwel Qorti messha sabet vjolazzjoni tal-Artikoli 2 u 3 tal-Konvenzjoni u tal-Artikoli 33 u 36 tal-Kostituzzjoni. In-natura ta' dan l-aggravju jirrikjedi li din il-Qorti teżamina mill-ġdid il-provi prodotti fl-ewwel istanza sabiex tara jekk hemmx raġunijiet serji biżżejjed li jinduċuha tiddisturba l-apprezzament tal-ewwel Qorti tal-provi prodotti.

**22.** Qabel xejn għandu jingħad li tenut kont tan-natura tal-azzjoni odjerna u tal-ilmenti li qed jinġiebu 'l quddiem permezz tagħha, u minkejja li rigward ċerti provi dokumentali prodotti ma saritx prova sħiħa tal-awtentiċita` tagħhom kif normalment tirrikjedi l-liġi ta' proċedura u ta' evidenza, din il-Qorti hi tal-fehma li ma rriżultawlhiex raġunijiet serji sabiex minħabba fihom tirrespinġi xi dokument prodott bħala prova u għalhekk ser tieħu konjizzjoni u tiżen anki dak li jirriżulta mill-istess dokumenti.

**23.** In linea ġenerali jirriżulta li fit-Turkija tgħix komunita` ta' oriġini Kurda li taspira għal indipendenza u awtonomija mit-Turkija u jidher li numru konsiderevoli tal-komunita` Kurda fit-Turkija huma attivament impenjati f'għaqdiet li jippromwovu l-interessi tal-komunita` Kurda u li minħabba f'hekk isibu ruħhom f'sitwazzjonijiet ta' kuntrast mal-forzi tal-ordni pubbliku li ġieli rrikorrew għall-arrest u detenzjoni ta' wħud minnhom. Uħud mill-għaqdiet huma wkoll ta' natura politika u jippromwovu l-awtonomija tal-komunita` Kurda f'reġjun indipendenti mit-Turkija. Waħda minn dawn l-għaqdiet hija l-PKK. Il-PKK hi meqjusa mill-awtoritajiet Turki għaqda terroristika u saħansitra hekk ġiet deskritta mir-rikorrenti Sahan Dilek fol. 120. Jidher li l-membri tal-PKK huma kostantement imfittxija mill-forzi tal-ordni pubbliku Torok partikolarment mis-sezzjoni anti-terroristika (fol. 141).

**24.** Inkwantu għal dak li rriżulta fil-konfront tar-rikorrenti individwalment, Serif Ali Sahan, ta' oriġini Kurda, twieled it-Turkija fl-1983 u huwa ta' nazzjonalita` Torka. Huwa wasal Malta fit-18 ta' Awwissu 2003 b'passaport falz f'isem ħuh iżda b'ritratt tiegħu. Huwa spjega li oriġinarjament kellu passaport ġenwin iżda dan skada fl-2003 u ma reġax applika għal ieħor. Stqarr li huwa ma setax japplika għal passaport ġdid għaliex kien wasallu ż-żmien li jagħmel s-servizz militari fit-Turkija u għalhekk ma setax la japplika għal passport ġdid u anqas jestendi l-passaport li kellu. Huwa rrifjuta li jagħmel is-servizz militari għaliex kien ta' oriġini Kurda. F'Lulju 2003, iżda, huwa rnexxilu jakkwista passaport falz li kien juri r-ritratt tiegħu iżda b'isem u d-dettalji ta' ħuh, li kien ta' eta` iżgħar minnu

u għalhekk ma kienx għadu ġie msejjaħ jagħti servizz militari. Dan għamlu għaliex fl-Ajruport l-awtoritajiet Torok kienu jkunu attenti għal persuni li ma kienux għamlu s-servizz militari. Uħud mill-membri tal-familja tiegħu kienu ġew arrestati u detenuti fit-Turkija minħabba li kienu involuti mal-għaqda PKK. Kien membru tal-għaqda HADEP li kienet tgħidilhom sabiex ma jagħmlux is-servizz militari fit-Turkija għaliex dan kien ifisser li kien ikollhom joqtlu lil "ħuthom". Żied jgħid li s-servizz militari kien mandatarju, għal perjodu twil, diffiċli u jagħmel pressjoni fuq il-komunita` Kurda.

**25.** Fiż-żmien meta kien membru ta' HADEP huwa ġie arrestat diversi drabi. L-ewwel darba kienet fl-1998 fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-1 ta' Mejju meta kellhom *clash* mal-pulizija. Ir-rikorrent jgħid li dakinhar, peress li kien għadu taħt l-eta`, il-pulizija "kissrulu" wiċċu u wara rrilaxxjawh. Baqa' jieħu sehem fl-attivitajiet tal-għaqda u reġa' ġie arrestat mis-sezzjoni tal-anti-terroriżmu meta jgħid li rċieva xeba' oħra li kienet aktar ħarxa minn ta' qabilha. Ġie ammonit biex ma jibqax jieħu sehem f'attivitajiet simili għaliex ma kienx ikollu futur sabiħ u jekk jerġgħu jarawh quddiemhom kienu jittrattawh agħar minn dik id-darba. Huwa baqa' jattendi l-attivitajiet tal-partit iżda wara li ġiet arrestata oħtu l-pulizija kienu ta' spiss imorru d-dar tiegħu u f'okkażżjoni minnhom ħadu l-familja tiegħu kollha l-għassa tal-pulizija biex jiġu interrogati.

**26.** L-għaqda HADEP inagħlqet fl-2002 u ftit wara twaqqfet l-għaqda DEHAP u r-rikorrent beda jieħu sehem fl-attivitajiet tagħha sakemm waqt iċ-ċelebrazzjonijet tal-1 ta' Mejju 2003 kien involut f'kuntrast mal-pulizija bi titfiegħ ta' injam u ġebel min-naħa tagħhom u gas tad-dmugħ min-naħa tal-pulizija. Huwa ġie arrestat u meħud l-għassa tal-pulizija fejn jgħid li ġie torturat u msawwat u mhedded li joqtluh jekk jibqa' jieħu sehem f'xi għaqda. Wara ħamest ijiem ir-rikorrent ġie rilaxxjat. Wara dan l-inċident iddeċieda li jitlaq mit-Turkija u hekk għamel f'Awwissu tal-2003 meta ġie Malta.

**27.** Ir-rikorrent stqarr li fost il-membri tal-familja tiegħu li kienu ammessi l-ħabs kien hemm oħtu l-kbira Rukhiya

Sahan li kienet ġiet arrestata fl-1998 minħabba li kienet membru tal-għaqda PKK iżda ġiet rilaxxjata sitt xhur wara għaliex il-każ kontra tagħha ma ġiex ippruvat. Il-familja tiegħu kienet ġiet informata bl-arrest ta' oħtu. Huwa ma rax aktar lill-oħtu mill-1999 u jibża' dwar hajjitha għalkemm ma rrapportax l-għibien tagħha lill-pulizija għaliex il-pulizija kienu ta' spiss imorru għandhom ifittxuha.

**28.** Iz-zija materna tiegħu, Gulbahar Koker, kienet ġiet arrestata fl-1995 mis-sezzjoni ta' kontra t-terroriżmu tal-pulizija. Kienet ġiet akkużata l-Qorti li kienet membru tal-PKK, b'reklutaġġ ta' membri fl-għaqda u bi propaganda favur l-għaqda. Jidher li kienet ġiet kkundannata għal sentejn priġunerija (fol. 136) iżda fl-1997 ġiet rilaxxjata mill-ħabs għal raġunijiet ta' saħħa wara li ħarqet lilha nfisha fil-ħabs bi protesta kontra l-awtoritajiet tal-ħabs. Fl-1997 Gulbahar Koker għebet ukoll.

**29.** Zija materna oħra tar-rikorrent, Hanim Koker, li tiġi oħt il-kbira ta' Gulbahar Koker, kienet ukoll ġiet arrestata fl-1999 akkużata li kienet membru tal-PKK iżda ġiet arrestata fl-aħħar tal-1999 meta l-każ kontra tagħha fil-qorti kien għadu pendenti. Meta r-rikorrent kien intervistat fit-2 ta' Awwissu 2004 Hanim Koker kienet għada t-Turkija.

**30.** Mahin Koker, iz-ziju matern tar-rikorrent, kien ġie arrestat ukoll għall-ħabta ta' Mejju 2004 u dan fuq akkuża li kien membru tal-PKK. Safejn jaf ir-rikorrent Mahin Koker kien għadu t-Turkija, għalkemm ma jafx x'sar minnu. Jidher li f'Ġunju 2004 kien għadu detenut il-ħabs (fol.136).

**31.** Ġiet prodotta dokumentazzjoni li tikkorrobora din l-istorja tal-familja tar-rikorrent Serif Ali Sahan, fosthom deċiżjoni tas-16 ta' Diċembru 2008 tal-Asylum and Immigration Tribunal tal-Ingilterra fil-konfront ta' missieru Ali Sahan, (fol. 204), stqarrija ta' Cevahir Koker (fol. 215-217), rapport/imputazzjoni ta' prosekutur fil-konfront ta' Rukiye Sahan (fol. 218-222) u opinjoni legali tal-konsulent legali tal-istess Rukiye Sahan (fol. 223-224; 280-283), rapport dwar inċident fil-ħabs (fol. 284-285) u opinjoni

legali tal-konsulent legali ta’ Cevahir Koker (fol. 288-289) apparti dokumenti li jidher li huma fl-ilsien Tork u xi traduzzjonijiet għall-Ingliż.

**32.** Serif Ali Sahan applika għal *status* ta’ refuġjat tmien xhur wara li wasal Malta f’Awwissu 2003, u cioe` f’April 2004. Huwa stqarr li ttardja ma jagħmel it-talba tiegħu għall-ażil għaliex ma kienx jaf kif kellu jagħmel u kien jaħseb li peress li Malta kienet tant żgħira ma kinitx taċċetta li tagħti ażil lil persuni fil-kundizzjoni tiegħu. Stqarr ukoll li ma kienx membru tal-PKK u li għalkemm kien jaf li oħtu kienet tinsab Malta huwa qatt ma ltaqa’ magħha Malta u qatt ma fittex li jkun jaf fejn toqgħod f’Malta u dan għal raġunijiet ta’ sigurta`. It-talba tiegħu għall- ażil ġiet respinta fit-13 ta’ Lulju 2004 u din id-deċiżjoni ġiet konfermata mill-Bord tal-Appelli fit-12 ta’ Settembru 2005. Huwa jgħid li applika Malta għall-i*status* ta’ refuġjat minħabba l-oriġini Kurda tiegħu għaliex il-familja tiegħu kienet ġiet trattata ħazin mill-awtoritajiet Torok peress li huwa kien jiġi minn familja politika li kienet tappoġġja lill-partiti Kurdi. Huwa jgħid li ma jistax imur lura t-Turkija għaliex ma għandux passaport u kieku kellu jmur lura kien il-ħin kollu jsib il-pulizija ma’ wiċċu.

**33.** Inkwantu għar-rikorrent l-ieħor Serdar Sahan, dak li ġia` ingħad dwar il-familjari ta’ Serif Ali Sahan naturalment japplika wkoll għal dan ir-rikorrent li jiġi ħuh. Serdar Sahan jirrakkonta storja li tixbaħ ħafna dik ta’ huh Serif. Huwa wkoll kien jieħu sehem fl-attivitajiet ta’ għaqdiet jew partiti politiċi li fihom jiġbru persuni ta’ oriġini Kurda u kien ġie arrestat fl-2003 minħabba li kien ħa sehem f’attivita` fl-1 ta’ Mejju li l-pulizija Torka kienet issostni li kienet illegali. Il-pulizija użat il-forza biex iwaqqfu l-attivita` iżda huwa rnexxilu u ġie wara interċettat u arrestat u detenut mill-pulizija għalkemm ġie rilaxxjat xi seba’ siegħat wara. Missieru kien membru tal-PKK u kien ukoll ġie arrestat mill-pulizija Torka u mibgħut il-ħabs iżda wara ġie rilaxxjat. Fl-aħħar tal-2003 Serdar Sahan applika u ottjena passaport validu Tork peress li kien għalaq it-18-il sena. Kellu jibda s-servizz militari tal-eta ta’ 19-il sena iżda ma riedx jagħmel dan is-servizz għaliex kien jibża għall-ħajtu peress kien informat li persuni ta’ oriġini Kurda ma jiġux trattati tajjeb fis-servizz. Huwa jistqarr, iżda, li hemm

diversi persuni ta’ oriġini Kurda fis-servizz militari fit-Turkija u dawn kienu fis-servizz għaliex ma kellhomx problemi politiċi mal-awtoritajiet. Jgħid li ġie Malta minħabba s-sitwazzjoni politika fit-Turkija u jekk imur lura t-Turkija kien jibża li issa jkollu problemi mal-pulizija Torka jekk isiru jafu li ma għamilx is-servizz militari.

**34.** Serdar wasal Malta fil-15 ta’ Diċembru 2003 b’passaport validu fuq visa regolari ta’ xahar u kellu l-ħsieb li jitlob *status* ta’ refuġjat iżda ma applikax għal dan qabel April 2004 u jgħid li dan kien għaliex ma kienx jaf il-liġi u regolamenti Maltin. Kemm dam Malta ma kkomunikax la ma’ oħtu Dilek u anqas ma’ ħuh Serif għax ma ħassx il-ħtieġa li jagħmel dan. It-talba tiegħu għal ażil ġiet respinta definittivament mill-Bord tal-Appelli fit-12 ta’ Settembru 2005. Huwa ma xtaqx imur lura t-Turkija għaliex zijuh kien jinsab il-ħabs u kien jibża’ li hu wkoll jiġi interrogat minħabba l-problemi tal-membri tal-familja tiegħu u jintbagħat il-ħabs.

**35.** Mill-kwadru tal-fatti u ċirkostanzi li joħorġu mill-provi ma jirriżultax li jekk ir-rikorrenti jintbagħtu lura t-Turkija dawn jiġu esposti għall-perikolu għall-ħajjithom u għalhekk din il-Qorti ma ssibx vjolazzjoni tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni jew tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni. Di fatti ma nġiebu ebda provi ta’ konsistenza xierqa f’dan is-sens.

**36.** Mhux l-istess jista’ jingħad, iżda, għar-rigward tal-perikolu ta’ trattament inuman jew degradanti. Irriżulta ampjament li diversi membri tal-familja tar-rikorrenti sfaw arrestati minħabba s-sehem tagħhom f’manifestazzjonijiet favur persuni ta’ oriġini Kurda. Uħud mill-familjari kienu wkoll membri tal-organiżżazzjoni PKK jew kienu jgħinu lil dik l-għaqda li hi meqjusa mill-awtoritajiet Torok bħala waħda terroristika u dawn ġew arrestati u mixħuta l-ħabs. Il-familja tar-rikorrenti ta’ spiss ikollhom żjarar mill-membri tal-pulizija u mhux l-ewwel darba li membri tal-familja ġew arrestati u detenuti biex jiġu interrogati u saħansitra f’okkażżjoni minnhom il-familja kollha kienet ġiet arrestata. Uħud mill-membri tal-familja tar-rikorrenti, fosthom ir-rikorrent Serif Ali Sahan stess, sofrew theddid u swat mill-forzi tal-ordni waqt li kienu fil-kustodja tagħhom. Dan it-

trattament, fil-fehma tal-Qorti, jinkwadra fit-trattament previst fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u x'aktarx li r-rikorrent jiġi sottomess għall-istess trattament fl-eventwalita` li jiġi ritornat lejn il-pajjiż minn fejn telaq.

**37.** Inkwantu għar-rikorrent Serdar Sahan ma rriżultax trattament fit-Turkija tal-grad minimu ta' severita` rikjest sabiex jidħol fil-parametri tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. B'danakollu, peress li, kif ingħad, il-mument relevanti għall-finijiet tad-deċiżjoni tagħha tal-lum huwa ż-żmien tal-proċeduri odjerni din il-Qorti trid tagħmel l-apprezzament tagħha fid-dawl ta' dak li x'aktarx ikun il-każ jekk ir-rikorrent jiġi ritornat lejn it-Turkija issa.

**38.** Fid-dawl tal-involviment tiegħu u ta' membri tal-familja tiegħu f'attivitajiet politiċi fit-Turkija u tal-fatt li r-rikorrent ilu s-snin 'il bogħod minn pajjiżu, mingħajr ma għamel is-servizz militari obbligatorju fit-Turkija, kif ukoll fid-dawl tal-allegata sħubija ta' wħud mill-membri tal-familja tiegħu fl-għaqda PKK li hi ta' spiss il-mira tal-attenzjoni tas-sezzjoni anti-terroristika tal-forzi tal-pulizija fit-Turkija, il-Qorti hi tal-fehma li appena l-istess rikorrent Serdar Sahan jiġi ritornat lejn it-Turkija dan jiġbed l-attenzjoni tal-forzi tal-pulizija fit-Turkija b'tali mod li jiġi arrestat, detenut u interrogat u x'aktarx li jiġi assoġġettat mill-istess forzi għall-istess trattament li għalih ġew assoġġettati diversi membri tal-familja tiegħu fil-passat fl-istess ċirkostanzi liema trattament, fil-fehma tal-Qorti, hu tali li jaqa' fil-parametri tat-trattament previst fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

**39.** Għalkemm l-iStat Tork huwa parti fil-Konvenzjoni u għalhekk impenjat li jħares id-drittijiet fundamentali tutelati b'dik il-konvenzjoni bdankollu din il-Qorti hi tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi emerġenti fil-każ odjern, fejn it-trattament li minnu jilmentaw ir-rikorrenti ġej minn uffiċjali pubbliċi aġenti tal-iStat li iżda ma jirriżultax li jaġixxu bil-benedizzjoni tal-iStat, x'aktarx li l-vjolazzjoni tkun ġia` saret qabel ma l-iStat ikun jista' jintervjeni biex jassigura li d-drittijiet tar-rikorrenti taħt il-Konvenzjoni jiġu protetti; dan qiegħed jingħad fid-dawl ukoll tal-fatt li ma ġiet prodotta ebda dikjarazzjoni da parti tal-awtoritajiet Torok li d-

drittijiet tar-rikorrenti taħt il-Konvenzjoni ser jiġu mħarsa appena dawn jaslu t-Turkija.

**40.** Din il-Qorti, għalhekk, hi tal-fehma li jekk ir-rikorrenti Serif Ali Sahan u Serdar Sahan jiġu espulsi minn Malta jkun hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

***L-allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni***

**41.** Jibqa' biex jiġi kunsidrat it-**<u>tielet aggravju</u>** tal-appellanti riferibilment għall-allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. L-appellant ma jaqblux mad-deċiżjoni appellata għaliex isostnu li ma kellhomx l-opportunita` kollha sabiex permezz tal-avukat ta' fiduċja tagħhom iġibu għall-konjizzjoni tal-Bord tal-Appelli tar-Refuġjati kull kwistjoni jew sottomissjoni li deherilhom rilevanti għall-aċċertament tal-istanza tagħhom.

L-ewwel Qorti kkonkludiet li mill-provi mressqa quddiemha ma gie ravviżat l-ebda ksur f'dan ir-rigward peress li l-appellanti kellhom il-fakolta` kollha li jissottomettu l-provi kollha li riedu u anke gew imressqa sottomissjonijiet mill-avukata tagħhom. Iżda, qabel kollox, trid tiġi indirizzata s-sottomissjoni tal-intimati fir-risposta tagħhom għar-rikors promotorju fis-sens:

"Illi in linea prelminari dawn l-artikoli huma inapplikabbli stante li materja li tirrigwarda għoti ta' status ta' refuġjat hija kwistjoni ta' dritt pubbliku u għalhekk ma tikkwalifikax bħala "dritt jew obbligu ċivil" għal finijiet ta' l-istess artikoli kif jirriżulta ampjament mill-ġurisprudenza kemm nostrali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem."[8]

**42.** Fuq din il-kwistjoni, li ġiet sorvolata mill-ewwel Qorti, l-intimati għandhom raġun. Di fatti l-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ripetutament irriteniet li l-artikoli invokati mill-appellanti ma japplikawx għal talbiet għal

---

[8] Fol. 17 tal-proċess in prim' istanza.

*status* ta’ refuġjat[9] u dan peress li f’materja bħal din ma hemmx id-determinazzjoni ta’ drittijiet jew obbligi ċivili.

**43.** Dan huwa wkoll l-insenjament tal-Qrati tagħna u cioe` li *“Asylum proceedings under our law are and remain essentially administrative proceedings, and the right granted in sub-article (9) of article 8 of Chapter 420 to apply for constitutional redress does not mean that those proceedings, whether before the Commissioner or the Board, are proceedings leading to a determination of a civil right or obligation withing the meaning of Article 6 (1) of the Convention and Article 39 (3) of the Constitution.”*[10]

Għalhekk, *una volta* illi huwa stabbilit illi l-artikoli *de quo* ma japplikawx għal proċeduri dwar id-determinazzjoni ta’ *status* ta’ refuġjat, ma tista’ tinstab l-ebda leżjoni kif lamentat mill-appellanti.

Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

***Allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni***

**44.** Għalkemm mit-talba finali tar-rikors tal-appell jidher li l-appellanti qegħdin jitolbu r-revoka wkoll tal-parti tas-sentenza appellata fejn caħdet l-allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, b’danakollu fir-rikors tal-appell l-appellanti ma ġabu ‘l quddiem ebda aggravju għar-rigward din il-parti tas-sentenza appellata. Dan hu biżżejjed sabiex iwassal li l-appell jiġi miċħud f’dik il-parti tiegħu fejn qed tintalab ir-revoka tas-sentenza appellata fejn din sabet li ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

**<u>DECIDE</u>**

---

[9] ECHR **Maaouia v. France**, GC, 5 Ottubru, 2000, #38-#39; ECHR **Mamatkulov v. Turkey**, 6 Frar 2003, #80; ECHR **Tahari Kandomabadi v. Netherlands**, Dec. Amm. 29 Ġunju 2004; ECHR **Katani v. Germany**, Dec. Amm., 31 Mejju 2001, En Droit #4;

[10] Qorti Kost **Dr. Muhammed Mokbel Elbakry v. Onor. Prim Ministru et** 29 ta’ Mejju 2009; ara wkoll Prim’ Awla Qorti Ċivili **Hekmat Mohammed Moatti El Fraie v. L-Onor. Prim Ministru et.** 13 ta’ Lulju 2007.

Għall-motivi premessi din il-Qorti qegħdha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha inkwantu astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tar-rikorrenti Dilek Sahan wara n-nota tagħha tal-20 ta' Mejju 2010, inkwantu wkoll ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati u ċahdet it-talbiet tal-appellanti fir-rigward tal-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom a tenur tal-Artikoli 2 u 8 tal-Konvenzjoni u tal-Artikoli 33 u 39 tal-Kostituzzjoni, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tiddikjara li jeżisti prospett raġjonevoli li t-tneħħija forzata tal-appellanti minn Malta u r-ritorn forzat tagħhom lejn it-Turkija jikkostitwixxi leżjoni tad-drittijiet tagħhom għall-ħarsien minn trattament inuman u degradanti kif tutelati mill-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------